



# Jum Twelidek, Jum Ir-Rebħa

Ġanni Camilleri

Reġgħet magħna, bħal kull sena,
L-festa tagħna u tal-Maltin;
Dik tat-tmienja ta' Settembru
L-egħżeż festa għall-Melleħin.

Sa minn ġranet wisq minn qabel,
Jibda x-xogħol, dak tat-tiżjin
Ġewwa u barra l-knisja tagħna
Kif ukoll dak tal-każin.

Wieħed jibda jisma' t-tokki,
Dawk tal-qniepen kbar ħelwin
Biex isejħu għan-novena
Kemm lil kbar, kemm liċ-ċkejknin.

U l-pjazza kbira tagħna
Tibda tilbes dak l-armar
Li matul is-snin żejjinha
B'libsa ħelwa mill-aħjar.

U fiż-żewġ każini tagħna
Jibda d-daqq tal-marċijiet;
Il-kunċerti filgħaxija
U d-daqq tal-innijiet.

U bix-xieraq, għax dil-festa
Tfakkar f'dawk ir-rebħiet kbar
Li l-Bambina rebħitilna
Nhar twelidha, dak inhar.

Għax jitfakkru ġewwa l-knisja
Fin-novena, ir-rebħiet
Li l-Maltin, missirijietna
Kisbu f'dawn iż-żminijiet.

Bir-raġun mela nifirħu
F'dan il-Jum tat-Twelid tiegħek
O Marija tal-Vittorji.
Hawn ilkoll nifirħu miegħek.

*08 ta' Settembru 2019*

**Ningħaqdu mad-Dinja kollha ħalli nagħtu qima lill-**

**IMQADDSA VERĠNI MARIJA**

**f'għeluq sninha nhar it-8 ta' Settembru.**

**Agħtiha r-Rużarju bħala rigal**

**"Mur u pprietka r-Rużarju u l-għadu ta' kull ġid jiġi mirbuħ." -** il-Madonna lil San Duminku

**"Wieħed mill-mezzi l-iżjed tajba biex naslu li nbiddlu ħajjitna**
**m'huwiex ħaġa oħra ħlief ir-reċita tar-Rużarju."** - Papa Ljun XIII